StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 3

**L-EWWEL SENA** **IR-RELIĠJON** **Il-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** __________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt f'din l-istorja ta' Abraham.** **(10 marki)**

1. Abraham u martu kienu joqogħdu f'_________________ meta sejjaħlu Alla.
2. Abraham u martu _____________ ma kellhomx _____________ .
3. Alla wiegħed lil Abraham li ser ikollu ___________ u semmieh ______________.
4. Meta ibnu kiber, Alla talab minn Abraham biex joffrihulu bħala ____________________ .
5. Abraham obda u kien lest li _________________ lil ibnu .
6. Għax Abraham obda, Alla _____________ li mir-razza tiegħu kellu jitwieled il-__________.
7. Din il-wegħda seħħet madwar 2000 sena wara, meta twieled _________________.

**Taqsima B**

**Ikteb sentenza biex turi li taf xi jfissru dawn il-kelmiet.** **(10 marki)**

1. Sinagoga

______________________________________________________________

2. Il-Bibbja

______________________________________________________________

3. Is-Sinedriju

______________________________________________________________

4. Parabbola

______________________________________________________________

5. L-Evanġelju

______________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima C**

**F'liema ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù jfakkruk dawn is-sentenzi?** **(10 ma**

StudentBounty.com

Eżempju: "Mur inħasel f'Silwam." - Meta Ġesù fejjaq l-għami mit-twelid.

1. "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."

___

2. "Spirtu ħażin, ismagħni! Qiegħed nordnalek ..."

___

3. "Hawn m'għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet."

___

4. "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda."

___

5. U reġà ġie ħdejhom u sabhom reqdin għax għajnejhom kienu tqal bin-ngħas.

___



**Taqsima D**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** **(20 marka)**

1. Għaliex lil Ġesù nxebbhuh ma' boxxla għal ħajjitna?

___

___

2. Semmi żewġ ġrajjiet minn ħajtek li fihom stqarrejt li inti Nisrani/ja.

___

___

3. X'jismu l-pajjiż ta' Ġesù?

___

___

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Min kienu l-ħakkiema barranin ta' dan il-pajjiż fi żmien Ġesù?

5. Għaliex Abraham hu daqshekk importanti fl-Istorja tas-Salvazzjoni?

6. X'kienet il-wegħda li Alla għamel lil David?

7. Semmi ktieb mit-Testment il-Qadim u ieħor mit-Testment il-Ġdid.

8. X'kien l-akbar rigal li Ġesù ta lill-għami ta' Silwam wara li fejqu?

9. X'għamel Ġesù fuq is-salib biex jgħallimna kif għandna naħfru?

10. Għaliex Ġesù kien jgħallem bil-parabboli?

**Taqsima E**

**Nixbhu lil Ġesù.** **(10 marki)**

Massimiljan Kolbe u Madre Tereża ta' Kalkutta fil-ħajja tagħhom imxew fuq l-eżempju u t-tagħlim ta' Ġesù. Ikteb 5 sentenzi fuq il-ħajja ta' **WIEĦED** minn dawn it-tnejn.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima F**

**Aqra u wara wieġeb il-mistoqsijiet.** **(20 marka)**



Jisimni Żakkew. In-nies ftit li xejn iġibuni għax ħadd ma jieħu pjaċir bix-xogħol li nagħmel. Darba smajt li Ġesù kien ser jgħaddi mill-belt tagħna. Jien kieku xtaqt imqar narah, imma billi jien qasir ħafna, fil-folla ma nkun nista' nara xejn. Ħsibt li nitla' fuq siġra fit-triq minn fejn ikun għaddej; u hekk għamilt. Xewqti qtajtha għax Ġesù induna bija u waqaf ikellimni. Qalli li xtaq jiġi jiekol miegħi. Jien tgħidx kemm fraħt bih. Tajtu kelma li nbiddel ħajti.

**Wieġeb.**

1. X'kien ix-xogħol ta' Żakkew? **(2 marki)**

2. Għaliex in-nies ma kinux iħobbu nies bħal Żakkew? **(2 marki)**

3. X'jisimha l-belt fejn kien jgħix Żakkew? **(2 marki)**

4. X'għamel Żakkew biex jara lil Ġesù? **(2 marki)**

5. X'ried Ġesù minn Żakkew? **(2 marki)**

6. X'għamel Żakkew biex jogħġob lil Ġesù? **(2 marki)**

7. X'nitgħallmu dwar Ġesù minn din il-ġrajja? **(4 marki)**

8. Liema sagrament ħallielna Ġesù biex inkunu nistgħu nerġgħu ningħaqdu miegħu? **(2 marki)**

9. Semmi ġrajja oħra mill-ħajja ta' Ġesù meta hu ħafer lill-midinbin. **(2 marki)**

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima G**

(i) **Qabbel il-parabbola mat-tagħlima billi timla n-numri minn 1 sa 4 fil-kolonna tan-nofs.** **(4 marki)**

| | IL-PARABBOLA | | IT-TAGĦLIMA |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-bidwi li ħareġ jiżra' | | Ġesù jrid li l-midneb jikkonverti. |
| 2 | In-nagħġa l-mitlufa | | Il-Knisja ta' Ġesù tinxtered mad-dinja. |
| 3 | Ix-xibka tal-ħut | | Mhux kulħadd jagħti kas tal-kelma t'Alla bl-istess mod. |
| 4 | Is-siġra tal-mustarda | | Meta mmutu, Alla ser jiġġudikana skont kif għexna. |

(ii) **Agħżel waħda minn dawn il-parabboli u rrakkuntaha fi kliemek.** **(10 marki)**

(iii) **F'madwar 25 kelma, ikteb x'tgħallimna l-parabbola li għażilt.** **(6 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers